## Skeda 20

L-għarajjes, kull koppja għaliha, jiddiskutu bejniethom din il-mistoqsija:

Mis-sinjali ta' relazzjoni tajba (paġni 166-168), liema huma dawk it-tlieta li nixtiequ naħdmu fuqhom biex inkomplu nikbru bħala koppja?

## Kemm hi b'saħħitha r-relazzjoni tagħna?

*Għal kull mistoqsija, immarka tweġiba waħda, dik li taħseb li taqbel l-iktar.*

1. **Meta jien ikolli l-iktar bżonnu/bżonnha, ħafna drabi l-partner ma jagħtix/tagħtix kasi.**
   - ☐ qatt ma jiġri hekk
   - ☐ xi drabi jiġri hekk
   - ☐ spiss jiġri hekk
   - ☐ dejjem jiġri hekk

2. **Il-partner tiegħi m'għandux/m'għandhiex idea dwar dak li jien inkun qed inħoss.**
   - ☐ il-partner tiegħi ikun jaf x'inkun qed inħoss
   - ☐ xi drabi ma jkunx jaf/ma tkunx taf x'qed inħoss
   - ☐ spiss ma jkunx jaf/ma tkunx taf x'qed inħoss
   - ☐ qatt ma jkun jaf/ma tkun taf x'qed inħoss

3. **Mhux lakemm ikolli djalogu fuq affarijiet serji mal-partner tiegħi.**
   - ☐ ħafna drabi jkolli djalogi serji mal-partner tiegħi
   - ☐ xi drabi diffiċli jkolli djalogu serju mal-partner tiegħi
   - ☐ spiss diffiċli li jkolli djalogu serju mal-partner tiegħi
   - ☐ dejjem diffiċli li jkolli djalogu serju mal-partner tiegħi

4. **Diffiċli ħafna li l-partner tiegħi jismagħni/tismagħni.**
   - ☐ il-partner tiegħi jismagħni
   - ☐ xi drabi diffiċli li l-partner tiegħi jismagħni
   - ☐ spiss diffiċli li l-partner tiegħi jismagħni
   - ☐ il-partner tiegħi qatt ma jismagħni

**5. Mhux faċli li l-partner tiegħi jiftaħ qalbu/tiftaħ qalbha miegħi.**

- ☐ il-partner jiftaħ qalbu/tiftaħ qalbha miegħi
- ☐ xi drabi ma jkunx faċli li jiftaħ qalbu/tiftaħ qalbha miegħi
- ☐ spiss ma jkunx faċli li jiftaħ qalbu/tiftaħ qalbha miegħi
- ☐ il-partner qatt ma jiftaħ qalbu/tiftaħ qalbha miegħi

**6. Nirrabja meta naħseb li l-partner mhux iżomm/mhix iżżomm miegħi.**

- ☐ qatt ma nirrabja
- ☐ xi drabi nirrabja
- ☐ spiss nirrabja
- ☐ dejjem nirrabja

**7. Spiss insib ruħi nervuż/a mal-partner tiegħi.**

- ☐ qatt
- ☐ xi drabi
- ☐ spiss
- ☐ dejjem

**8. Meta ma nkunx sew mal-partner, nipprova:**

- ☐ niddiskutiha miegħu/magħha
- ☐ ma ngħid xejn sakemm jgħidli/tgħidli "x'għandek?!"
- ☐ inkun sarkastiku/sarkastika
- ☐ ingerger minn taħt

**9. M'għandix tifkira pożittiva tal-ġurnata li fiha konna ltqajna l-ewwel darba.**

- ☐ falz
- ☐ veru

**10. Ma niftakarx kif iltqajna.**

- ☐ falz
- ☐ veru

**11. Niddubita jekk il-partner tiegħi jistax isir/tistax issir aħjar, biex nistgħu ngħixu kuntenti flimkien.**

- ☐ falz
- ☐ veru

**12. Jien nagħmel li nista' biex ikollna relazzjoni sabiħa, imma l-partner tiegħi jiġi jaqa' u jqum/tiġi taqa' u tqum.**

- ☐ falz
- ☐ veru

**13. Inħossni mwaħħal/mwaħħla f'din ir-relazzjoni.**

- ☐ falz
- ☐ veru

**14. Inħoss li donnu m'għadniex nikbru flimkien f'din ir-relazzjoni.**

- ☐ falz
- ☐ veru

---

☞ Għall-mistoqsijiet minn 1 sa 8, jekk immarkajt l-ewwel risposta, tagħtix punti. Jekk immarkajt it-tieni risposta, agħti punt kull darba. Agħti żewġ punti għal kull darba li mmarkajt it-tielet risposta, u tliet punti għal kull darba li mmarkajt ir-raba' risposta.

Għall-mistoqsijiet minn 9 sa 14, tagħtix punti kull darba li mmarkajt "falz", u punt kull darba li mmarkajt "veru".

Il-punteġġ massimu hu ta' 30.